# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Hussein Ismail Dgheem**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Hussein Ismail Dgheem ta' 45 sena bin Ismail u Fatima nee' Dgheem imwieled Syria fl-10 ta' Frar 1963 u joqghod 17, Flat 1, Triq it-Turgien, Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 417795(M)

Akkuzat talli:

1. F'Mejju 2008 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal

tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Oswald Camilleri detentur tal-karta ta' l-identita' numru 341085(M), ai termini ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta' Oswald Camilleri detentur tal-karta ta' l-identita' numru 341085(M), ai termini ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 08.06.2006, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula, ai terminu ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali tal-11 ta' Mejju 2009, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

(a) Fl-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-Artikoli 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.[1]

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2019, l-Ufficjal Prosekutur irrimetta ruhu fuq il-provi, fil-waqt li semghet it-trattazzjoni orali finali tal-avukat difensur tal-imputat.

[1] Ara verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2009 a fol. 119 tal-process.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. L-imputat huwa ta' nazzjonalita Sirjana, pero ilu jghix Malta sa mill-inqas l-1992 u mizzewweg Maltija. Huwa kien jaghmel xoghol ta' bini, kisi, dawl u ilma.

2. Fil-15 ta' Marzu 2006, il-parte civile Oswald Camilleri ta kuntratt ta' appalt lill-imputat ghal xoghol ta' bini u alterazzjonijiet go fond l-Imsida, ghas-somma ta' LM12,000. Ix-xoghol kellu jsir taht id-direzzjoni tal-Perit David Spiteri.

3. Dan ix-xoghol kellu jsir fi zmien tnax-il xahar mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt ta' appalt, pero kien hemm klawsola li tippermetti estensjoni ta' zmien taht certi cirkostanzi.

4. Gie iffirmat ukoll kuntatt iehor ghal xogholijiet addizzjonali fl-ammont ta' LM3040.

5. Skond l-istess kuntratt ta' appalt, l-imputat bhala kuntrattur, kien intitolat li jircievi 35% tal-prezz meta jkun sejjer jibda ix-xoghol tal-bini. Imbghat huwa kien intitolat li jircievi pagamenti akkont ta' 40% tal-valur tax-xoghol imqieghed, skond il-kont mahrug mill-perit, meta jissaqqaf sular iehor, u meta jitlestew ix-xogholijiet kollha skond klawsola 12 (i) tal-iskrittura tal-appalt. Fi zmien xahar min meta il-perit ikun hareg il-kont finali ghax-xogholijiet skond din il-klawsola, l-imputat kellu d-dirtt ghall-hlas ta' 15% tal-valur. Il-bilanc ta' 10% kellu jithallas lill-kuntrattur wara li l-perit ikun rega' inspezzjona ix-xoghokijiet kond il-klawsola imsemmija mhux qabel u mhux wara tlett xhur mill-ahhar kont ta' din il-klawsola.[2]

6. L-imputat beda dan ix-xoghol.

[2] Ara fol. 28 tal-process.

7. Il-parte civile jghid li f'Novembru 2006, l-imputat talbu s-somma ta' LM4,100 sabiex jixtri l-materjal, u huwa hallsu b'bank draft.

8. Lejn l-ahhar ta' Dicembru 2006 l-imputat mar lura s-Sirja ghal ragunijiet personali tieghu, u ghalkemm kellu jdum ftit gimghat – ghalkemm fuq kemm kellu jkun dan iz-zmien hemm verzjonijiet konflingenti – spicca dam ma gie lura Malta sentejn, ghaliex jghid li gie arrestat mill-awtoritajiet Sirjani. Konsegwenza ta' dan, il-parte civile kellu jqabbad perit iehor, ghax il-Perit Spiteri miet, kif ukoll kuntrattur iehor biex ikompli x-xogholijiet.

9. Il-parte civile jallega li apparti d-danni li sofra ghaliex l-imputat abbanduna l-appalt, l-imputat ma gablux l-affarijiet kollha elenkati fl-invoice tieghu tat-3 ta' Novembru 2008. Skond il-parte civile, l-imputat xtara biss affarijiet li skond l-invoice jiswew LM1,800, konsegwentement l-imputat ghandu jtih LM2,290.

10. Min-naha l-ohra l-imputat jghid hu m'ghandu jaghti xejn lill-parte civile, ghaliex ghalkemm veru kien hemm xoghol li ma lahaqx lesta qabel siefer, il-parte civile kien ghadu ma hallsux ghal xoghol li kien lahaq ghamel, kif ukoll huwa kien halla diversi ghodda fil-post tal-parte civile, li l-parte civile qatt ma tahomlu lura.

11. Fit-12 ta' Mejju 2008, il-parte civile ghamel rapport lill-Pulizija kontra l-imputat talli ma xtarax l-affarijiet kollha li kellu jixtri bil-flus li tah, u telaq minn Mala. Fl-14 ta' Mejju 2008, il-parte civile baghat kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija ghax allega li l-imputat kien iffrodah b'messa in xena biex hadlu l-flus, imbaghad harab minn Malta

*Kwistjoni Preliminari – l-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputat*

Ghalkemm id-difiza ma ssollevat l-ebda eccezzjoni f'dan is-sens, il-Qorti thossha fid-dover li tissolleva *ex officio* l-kwistjoni tal-ammissibilita tal-istqarrija tal-imputat, stante li din ittiehdet fi zmien meta l-ligi Maltija ma kienitx tippermetti l-assistenza legali qabel l-interrogatorju.

In vista tal-fatt li meta ittiehdet din l-istqarrija l-imputat ma kellux access ghal avukat qabel l-interrogatorju, fil-konsiderazzjonijiet taghha hija sejra tiskarta l-istqarrija tal-imputat u dak kollu li xehed l-Ufficjal Prosekutur dwar dak li qallu l-imputat waqt l-interrogatorju, u dan

konformi mal-insenjament tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza taghha **Mario Borg vs Malta**, deciza ft-12 ta' Jannar 2016.

Issa l-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet fil-meritu.

*Il-Mertu*

Fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali, l-imputazzjonijiet kontra l-imputat huma għar-reat ta' truffa jew frodi innominata, ai termini tal-Artikoli 308 u 309 tal-Kodiċi Kriminali, u ghar-reat ta' misapproprjazzjoni aggravata, ai termini tal-Artikolu 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, apparti r-reċidiva.

Anke mad-daqqa t'ghajn, hu evidenti li l-kwistjoni li hemm bejn il-parte civile u l-imputat hija wahda ta' natura purament civili, u ma jikkonkorrux l-elementi kollha tar-reati li bihom l-imputat gie imputat.

Rigward ir-reat ta' truffa, il-Qorti tirreferi għall-insenjament fil-kawża **Il-Pulizija vs Emmanuele Ellul**, deċiża fl-20 ta' Ġunju 1997, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[3] irriteniet hekk:

*"Fil-liġi tagħna, element essenzjali għall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cioe` dawk l-"artifiżi" jew "raġġiri" idonei li jinduċu u li effettivament ikunu induċew lill-vittma fi żball – l-ingann – u li b'konsegwenza ta' dak l-iżball il-vittma tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegħ għall-aġent. Kif jispjega l-ġurista Taljan Francesco Antolisei, b'artifizio wieħed għandu jifhem:*

*"... ... ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effettuata sia simulando cioe` che non esiste (per es. ricchezza, titoli, nome, qualita ecc_ sia dissimulando, vale a dire, nascondendo cioe` che esiste (per es., il proprio stato di insolvenza, di persona coniugata, o inabilitata, l'uso di una determinate cosa ecc)" (Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I Giuffre (Milano) 1986, p. 295);*

[3] *Per* Imħallef Vincent De Gaetano.

*L-istess awtur jiddefinixxi ir-raġġir bil-mod segwenti:*

*"Il raggiro ... ... e un avvolgimento ingegnoso di parole destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita." (ibid);*

*Il-ligi tagħna ma tirrikjedix il-messa in xena, cioe` li dawn l-artifiżji jew raġġiri jkunu xi ħaġa kkomplikata jew arkitettata b'ħafna pjanijiet; in fatti l-liġi stess tindika l-forom li dawn l-artifiżji jew raġġiri jistgħu jieħdu."*

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda esitazzjoni biex tiddikjara illi l-kaz in kwistjoni lanqas jibda biex jinkwadra ruhu taht l-imputazzjoni tar-reat ta' truffa. Fix-xhieda tieghu, l-parte civile jipprova jinkwadra l-fattispecje tal-kaz tieghu taht ir-reat ta' truffa, billi jghid li hu ta l-appalt lill-imputat ghax l-imputat weghdu *"li bhala xoghol ser ikun tajjeb. Li ser jigi kuljum u jahdem sewwa. Imbaghad beda jimmolla maz-zmien hux."*[4] Apparti li l-kwistjoni jekk ix-xoghol li lahaq ghamel l-attur kienx skond l-arti u s-sengha jew le hija kwistjoni civili, l-parte civile ma pprezentat l-ebda prova indipendenti li l-imputat ghamel xi xoghol hazin. Dwar li allegatament, l-imputat ma kienx imur regolarment jahdem, il-kuntratt ta' appalt, jipprevedi r-rimedji li kellu l-parte civile f'kaz ta' dewmin, apparti rimedji ohra li ghandu skond il-Kodici Civili.[5] Rigward il-fatt li l-imputat siefer qabel ma lesta x-xoghol kollu, il-parte civile stess jammetti in kontro-ezami li l-imputat infurmah li hu kien se jsiefer ghal hmistax-il gurnata biex jara l-familjari tieghu s-Sirja, ghalkemm jghid li ma tahx id-dati meta kien ser jsiefer.

Huwa vera li l-imputat ghamel sentejn biex irritorna mis-Sirja, ghaliex jghid li hu gie arrestat hemm, u ma thalliex jirritorna lejn Malta. Ghalkemm l-imputat ezebixxa numru ta' dokumenti sabiex jipprova li hu kien mizmum taht arrest mis-Sirja, l-ebda wiehed minn dawn id-dokumenti m'hu ghall-inqas debitament awtentikat, u wisq inqas ma gie ikkonfermat bil-gurament. Pero mill-kopja tal-biljett tal-ajru ezebita mill-imputat jirrizulta li hu telaq minn Malta fis-29 ta' Dicembru 2006 u kellu kellu jigi lura Malta fl-24 ta' Frar 2007.[6]

---

[4] Ara fol. 48 tal-process.
[5] Ara fol. 26 tal-process.
[6] Ara fol. 343 tal-process.

Ghalkemm iz-zmien li fih l-imputat intenda originarjament li jqatta' s-Sirja huwa konsiderevolment itwal mill-hmistax-il gurnata li jghid li qallu l-parte civile, minn imkien ma jirrizulta li meta l-imputat talab lill-parte civile jhallsu LM4,100, huwa kellu xi intenzjoni li jiffroda b'xi mod jew ghamel xi messa in scena, bl-intenzjoni li jippregudika lill-parte civile. Mill-provi jirrizulta li huwa kompla jahdem fil-post tal-parte civile sa ftit granet qabel siefer, u li qabel siefer xtara l-biljett tal-ajru biex jirritorna lura Malta. Jekk l-imputat ma rritornax lura Malta, kienet x'kienet ir-raguni, din tista' tati lok ghal azzjoni civili ghad-danni, pero certament ma jikkostitwix ir-reat ta' truffa jew frodi innominati – anqas remotament ma hemm l-icken prova li tista' b'xi mod u bit-tigbid kollu, twassal ghal xi htija taht l-Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali.

Kwantu ghall-approprjazzjoni indebita aggravata – Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali – fil-waqt li ma hemmx dubbju li fil-kaz ta' flus li jinghataw lil xi hadd biex juzahom ghal skop partikolari, u dan jonqos li jaghmel dan, dan in-nuqqas jista' jammonta approprjazzjoni indebita, fil-kaz in dizamina jonqos ghal kollox l-element formali tar-reat. F'dan il-kaz ma kienx hemm id-dolo rikjest mil-ligi, u cioe l-intenzjoni tal-imputat li japproprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra mill-flus li kien talab lill-parte civile biex tatih. L-imputat ma kellux l-intenzjoni li jaghmel xi haga illegali semplicement ghax mar is-Sirja. Il-fatt li hu sab ruhu ma jistghax jirritorna lura mis-Sirja, minhabba l-instabbilita politika li hemm, ma jincidix fuq l-intenzjoni tieghu meta talab il-hlas tal-flus in kwistjoni.

Lanqas gie debitament ppruvat li l-imputat dawwar bi profitt ghalih jew ghal xi persuna ohra l-flus li rcieva minghand il-parte civile. Ghalkemm fix-xhieda tieghu l-imputat jammetti li parti zghira tax-xoghol ma lahaqx ghamlu, l-imputat qed jirrispingi t-talba tal-parte civile ghall-hlas ta' LM2290, ghaliex jghid li l-ammont ta' LM4,100, kien jirrapprezenta hlas ghal xoghol li kien diga sar, u mhux hlas bil-quddiem ghal xoghol li kien ghad irid isir, u li l-parte civili kien debitur tieghu ghaliex ried ihallsu il-valur mal-ghodda li l-imputat jghid li halla fil-fond tal-parte civili qabel siefer u li qatt ma giet ritornata lilu, u ammont iehor li l-parte civile kellu jhallsu ghal xoghol li ghamel l-imputat. Effettivament, kif spjegat iktar il-fuq, skond il-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' appalt in kwistjoni, apparti d-depozitu inizjali ta' 35%, l-imputat kellu jithallas akkont tal-valur tax-xoghol imqieghed, skond kont mahrug mill-Perit David Spiteri. Fi kwalunkwe kaz, dawn huma kwistjonijiet purament ta' indoli civili, u certament m'humiex kwistjonijiet li ghandhom jigu skorrettement trasportati fis-sede penali.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Avukat Dr Siegfried Borg Cole** fuq citata, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkwotat b'approvazzjoni lil **Luigi Majno**:

*"Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo… … Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."*[7] (sottolinear ta' din il-Qorti).

Mill-provi prodotti dak li jirrizulta li kien hemm bejn il-partijiet kienet relazzjoni ta' natura strettament civili, illi jekk bhala konsegwenza taghha kien jirrizulta nuqqas ta' adempiment tal-obbligazzjoni assunta mill-imputat, dan ma kienx jinkwadra ruhu fil-fattispecje tar-reat ta' qerq, anke wiehed innominat, jew ta' misapproprjazzjoni, aggravata jew mhix. Fl-aghar ipotezi kulma jista' jinghad fil-konfront tal-imputat hu li ma esegwix l-appalt kif miftiehem. Fin-nuqqas tal-element formali tar-reati li bihom gie imputat, l-aktar li seta' kien passibli l-imputat kien ghal proceduri civili, izda certament ma kien hemm qatt lok ghal dawn il-proceduri penali.

[7] **Commento al Codice Penale Italiano** UTET (1922), Vol. IV, para 1953, pag. 105 – 106.

Il-fatt li saret kwerela ma jbiddilx il-posizzjoni legali. Il-Pulizija ghandha d-dmir li tezamina l-kaz sew biex tara jekk verament hemmx l-elementi kollha – ghall-anqas *prima facie* – biex tipprocedi kriminalment, u mhux taqbad u tiehu t-triq l-aktar facli li takkuza lil dak li jkun quddiem il-Qorti. Ma hux sew li l-Pulizija u l-proceduri kriminali jigu strumentalizzati biex tigi ezercitata pressjoni, jekk mhux addirittura rikatt, fuq dak li jkun biex jezegwixxi xi obbligu civili jew kummercjali, meta fl-istess waqt il-provi li jkollha l-Pulizija f'idejha ma jkunux li verament hemm kaz ta' reat. Hu appena necessarju jinghad li l-proceduri penali ma ghandhom qatt jigu strumentalizzati ghal dan il-fini.[8]

La darba din il-Qorti ma sabitx lill-imputat hati ta' misapproprjazzjoni, jew truffa jew frodi innominata, ikun inutili li din il-Qorti tinoltra ruha fl-imputazzjoni l-ohra dedotta kontra l-imputat, u cioe li huwa recidiv, stante li din l-imputazzjoni hija konsegwenzjali, u tista' tigi ikkunsidrata biss kieku instabet htija ghal xi wahda jew izjed mill-imputazzjonijiet l-ohra.

## Konkluzjoni

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli indikati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-11 ta' Mejju 2009, issib lill-imputat mhux hati tar-reati kontemplati fl-istess artikoli u qed tilliberah mir-reati kollha addebitati lilu.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**

[8] Ara **Il-Pulizija vs Avukat Dr Siegfried Borg Cole** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003 u **Il-Pulizija vs Philip Petroni** deciza fis-16 ta' Marzu 1999 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) (*per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano).